# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru: 167/2015/VG**

**Carmel TABONE**

**Vs**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-6 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallsu s-somma ta' elfejn seba' mija u tmienja u ghoxrin euro [€2,728] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-esponenti huwa sid il-karozza Toyota LiteAce registrazzjoni numru FAA017, liema vettura hija assikurata b'mod komprensiv ma' Citadel Insurance p.l.c.;
>
> Illi l-esponenti kien involut f'incident awtomobilistiku nhar it-22 ta' Lulju 2014 (Dok A – Front-to-Rear Declaration);

Illi a bazi ta' stima maghmula minn Surveyor George Casha, ta' St. Paul's Garage, Albert Town, Marsa, wara l-approvazzjoni ta' Citadel Insurance plc, l-esponenti gie mgharraf illi l-ispejjez relatati ma' tiswija tal-vettura huma fis-somma ta' €2728 (Dok. B – Email);

Illi l-kumpanija konvenuta rrifjutat illi tawtorizza illi l-imsemmija tiswijiet, stante illi l-imsemmija somma kienet ikkunsidrata esagerata mill-istess kumpanija;

Illi, l-esponenti gie nfurmat mis-Surveyor tas-socjeta konvenuta Natalino Agius illi s-somma ta' €1,200 sa €1,400 ghandha tkun sufficjenti ghat-tiswijiet tal-vettura in kwistjoni;

Illi, l-esponenti ha stima ulterjuri minghand Michael Debono Limited, fejn gie ndikat illi l-ispejjez ghat-tiswijiet jammontaw ghall-€4,439.08 (Dok. C – Stima), u ghalhekk l-ewwel stima fis-somma ta' €2,728 hija ragjonevoli;

Illi l-kumpanija konvenuta, ghkemm interpellata diversi drabi, irrifjutat milli tawtorizza illi jsiru t-tiswijiet fl-ammont ta' €2,728;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dan l-Onor. Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara is-socjeta konvenuta responsabbli ghall-hlas ta' tiswijiet fl-ammont ta' €2,728;

2. Jillikwida l-imsemmi ammont;

3. Jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-esponenti l-imsemmi ammont kif likwidat u ddikjarat bhala dovuti, in linea ta’ danni, kif imfisser.

   Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra s-socjeta konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni”.

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fl-14 ta’ April, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“1. Illi preliminarjament, is-socjeta konvenuta teccepixxi n-nuqqas ta’ kompetenza ratione materie ta’ dan it-Tribunal sabiex jaqta u jisma din il-kawza, stante illi d-danni reklamati mill-attur huma konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tal-attur ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan fid-dawl tal-fatt illi l-obbligu kontrattwali tas-socjeta konvenuta fil-konfront tal-assigurat taghha huwa illi jindennizza lill-konvenut b’tali mod illi l-vettura tieghu tigi riportata ghall-istat li kienet tinsab fiha qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Illi tali tiswija ghandha ssir in bazi tas-survey imhejji minn surveyor inkarigat mill-eccipjenti, kif fil-fatt is-socjeta konvenuta offriet lill-attur li jsir.

3. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talba tal-attur m’hix gustifikata, u m’ghandhix tigi akkolta.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.”.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' April, 2015 u li permezz taghha l-Avukat Carina Nagiah ghar-rikorrenti ddikjarat li l-kawza qeghda ssir a bazi ta' inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta intimata fil-konfront ta' l-assikurat taghha u ghalhekk qeghda ssostni li t-tribunal ghandu l-kompetenza sabiex jiddeciedi dan il-kaz.

Ra s-sentenza preliminari ta' dan it-Tribunal moghtija fl-24 ta' Settembru, 2015 u li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez gew riservati ghall-gudizzju finali.

Ra l-verbal tad-29 ta' Frar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas minghand is-socjeta intimata l-hlas ta' l-ammont ta' €2,278 rappresentanti spejjez sabiex tissewwa l-vettura tieghu li kienet involuta f'incident awtomobilistiku. Qal ukoll li s-socjeta intimata rrifjutat li tawtorizza it-tiswijiet fuq il-vettura tieghu u dan peress li hija kkunsidrat dan l-ammont bhala esagerat. Is-socjeta intimata laqghet ghal din it-Talba billi qalet li t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza rationae materiae sabiex jiddeciedi dan il-kaz u dan peress li d-danni reklamati mir-rikorrenti huma konsegwenza ta' incident awtomobilistiku. Ziedet tghid li t-Talba ghandha ukoll tigi respinta peress li din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan fid-dawl tal-fatt illi l-obbligu kontrattwali taghha fil-konfront tal-assigurat taghha huwa illi tindennizzah

b'tali mod illi l-vettura tieghu tigi riportata ghall-istat li kienet tinsab fiha qabel ma sehh l-incident in kwistjoni. Illi tali tiswija ghandha ssir in bazi tas-survey imhejji minn surveyor inkarigat minnha kif fil-fatt offriet lir-rikorrenti li jsir.

Ikkunsidra;

2. L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata diga giet michuda bis-sentenza preliminari tat-Tribunal. Imiss ghalhekk li tigi deciza din it-Talba fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta intimata.

3. **Ir-rikorrenti** qal li huwa sid il-vettura tat-tip Toyota LiteAce bil-pjanca ta' registrazzjoni FAA-017. Fit-22 ta' Lulju, 2014 kompla jghid ir-rikorrenti, huwa kien involut f'incident awtomobilistiku. Huwa ghandu kopertura tat-tip *fully comprehensive* mahruga mis-socjeta intimata. L-ghada ta' l-incident huwa fetah *claim* ma' l-istess socjeta assikuratrici. Skrivan ta' din is-socjeta qallu li kien ser jintbaghat *surveyor* u li huwa kellu jistenna minghandhom. Il-vettura kienet qeghda tinzamm ghand it-tellar George Casha ta' St. Paul's Garage li huwa tellar approvat mis-socjeta intimata. Fit-30 ta' Lulju, 2014 mar is-*surveyor* tas-socjeta intimata, Charles Cauchi biex jispezzjona l-vettura. Meta cempel lit-tellar sabiex jara jekk is-*surveyor* kienx awtorizzah jibda x-xogholijiet ta' riparazzjoni, t-tellar qallu li s-*surveyor* ried il-log book u li ma kien ra xejn. Sadanitant, it-tellar kien ghamel stima tax-xogholijiet mehtiega, li kienet tammonta ghal €2728. Din l-istima intbaghtet lis-*surveyor* tas-socjeta intimata permezz ta' *email*. Ha l-*logbook* ghand is-socjeta intimata u staqsiehom jekk setax jaghmel dawn ix-xogholijiet izda Andrea Bondin, addetta tas-socjeta intimata li qallu sabiex jistenna.

   Madwar xahar qabel ma sehh l-incident, huwa kien ghamel stima tal-vettura tieghu permezz tas-*surveyor* Natalino Agius u a bazi ta' l-istima maghmula huwa hallas il-*premium* mas-socjeta intimata. Dan is-*surveyor* kien baghat ghalih fit-12 ta' Dicembru, 2014 u qallu sabiex imur ikellem lil wiehed minn tlett *panel beaters* indikati fid-dok. XX5 (fol. 38), f'liema lista ta' *panel*

*beaters* ma kienx hemm indikat George Casha. Dan Agius kien qallu li "*b'elf u mitejn Ewro (€1,200), l-aktar l-aktar b'elf u erba mitt Ewro (€1,400) ghandi nsewwi l-hsarat tal-karozza*" (fol. 31). Sussegwentement huwa mar ghand wiehed mill-*panel beaters* indikati min dan Agius u cioe Paul Abela li qallu li "*bil-prezz ta' elf u mitejn ewro (€1,200) sa elf u erba mitt ewro (€1,400) zgur li ma jistax jirranga il-hsarat tal-karozza*" (fol. 31). Baqa mieghu li kellhu jaghmillu stima u wara tmient ijiem mar ghaliha. Qal li dan it-tellar qallu li kien ser jaghmillu pjacir u jtella d-daqqa li kellha l-vettura tieghu bil-*hard metal*. Ir-rikorrenti oggezzjona ghal dan. Staqsieh ukoll dwar il-*bumper* u dan qallu li dan ma kienx inkluz fl-istima. Ir-rikorrenti reggha infurmah li vettura fit-triq minghajr *bumper* ma tohrogx. Meta telaq minghand Paul Abela, huwa cempel lil Natalino Agius biex jghidlu x'kien inghad lilu u dan Agius weghdu li kien ser ikellem lill-Abea u imbaghad jaghtih risposta. Din ir-risposta, skont ir-rikorrenti baqghet qatt ma waslet. Huwa sahanistra kiteb ittra bl-avukat izda xorta wahda baqa bla risposta.

Ir-rikorrenti qal li huwa reggha mar ghand l-ewwel tellar u cioe George Casha u qallu bil-figuri kollha li kienu gew indikati lilu minn haddiehor u huwa qallu "*li l-hsarat fil-vettura tieghi kienu mpossibbli jigu rrangati b'somma ta' elf u mitejn ewro*" (fol. 31). Ir-rikorrenti ivverifika mal-agent tat-Toyota sabiex jaghtih stima tax-xogholijiet involuti u inghata stima ta' €4,439.08 (dok. C a fol. 7). Qal li "*minn din l-istima jien kkonfermajt illi t-tellar George Casha ma kienx qed johodli bl-gholi. Din ikkonfermat ukoll illi agenti ta' Citadel Insurance plc kienu qed jidhqu bija*" (fol. 32). F'Dicembru, 2014, kompla jghid ir-rikorrenti, l-legali tieghu kienet infurmatu li hija kienet irceviet proposta minghand is-socjeta intimata fis-sens li din kienet lesta li thallsu s-somma ta' €2,000. Qal li din is-somma kienet intbaghtet lilu mis-socjeta intimata hames xhur wara li kienet saret il-habta u wara hafna kedded u spejjez da parti tieghu. Ghalaq billi qal li huwa ma accettax din l-offerta peress li din kienet taht is-somma ta' €2728 li kienet giet indikata lilu mit-tellar George Casha. Qal li sakemm kiteb dan l-affidavit, huwa baqa bil-vettura tieghu mhux imsewwija.

In kontro-ezami, huwa qal li *parts* ghadu ma xtara xejn u li l-hsara ghadha ma ssewweitx. Mistoqsi dwar id-dokument a fol. 7 tal-process, ix-xhud qal li meta huwa kien mar ghand Michael Debono Limited (l-agent tat-Toyota) huwa gie nfurmat li l-parts li kellhu bzonn ma kienux ghadhom *in production* u meta gie mistoqsi mit-Tribunal kif inharget tali stima, huwa qal li ma kienx jaf ghax mhux hu kien ghamilha. Qal li huwa ikkwota l-prezz indikat f'din l-istima u cioe l-ammont ta' €4,139.08c fl-affidavit tieghu a bazi ta' dak li kien gie indikat fl-imsemmija stima. Qal ukoll li din l-istima ta' Michael Debono Limited kien ghamilha sabiex jara jekk it-tellar tieghu kienx qieghed "*jidhak bija*" (fol. 52). Sussegwentement, huwa ntavola dawn il-proceduri u talab li jinghata mis-socjeta intimata l-ammont indikat mit-tellar tieghu. Mistoqsi fuq l-*email* li ntbaghtet mis-socjeta intimata f'Dicembru, 2014 (fol. 39) huwa qal li ma wegibx ghaliha u dan peress li huwa kien ghadu qed jinsisti fuq l-ammont ta' €2,728 u ghalhekk, l-offerta ta' €2,000maghmula mis-socjeta ntimata ma kienitx giet accettata. Minflok huwa ghazel li jipprocedi bil-kawza odjerna.

4. **Charles Cauchi** xehed u qal li xogholu huwa *surveyor* u kien *independent surveyor* tas-socjeta intimata. Huwa fil-fatt kien gie nkarigat sabiex jaghmel *survey report* (dok. CC1 a fol. 44) tal-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni FAA-017. Dan il-van, huwa Toyota Lite Ace, gie mmanifatura fis-sena 1998 u jgorr il-passigieri. Qal li r-rapport tieghu kien lestieh f'Lulju, 2014 u skont ma jirrizulta "*kien hemm il-htiega li jintefqu spejjez madwar tlettax jew erbatax-il mitt euro*" (fol. 42). Zied ighid li huwa ezamina l-van minn barra biss u ma kienx ezaminah ghar-rigward ta' xi hsarat ohra li seta' kien hemm fuq gewwa, jekk kien hemm. Pero jekk kien hemm xi hsarat li ma kienux jidhru, dawn kienu minimi. Il-book value tal-vann kien ta' €850 pero dan kien jirreferi ghal vann li ma jgorrx passiggieri. Ghalhekk, fil-kaz odjern, peress li dan il-vann kien igorr passiggieri, l-valur tieghu kien xi haga izjed. Mistoqsi dwar l-*email* li hemm a fol. 6 tal-process, huwa qal li qatt ma raha jew jekk rahha nesieha. Mistoqsi x'inhu l-*email address* tieghu, huwa kkonferma li dan huwa dak li jidher fuq l-imsemmi dokument a fol. 6 tal-process.

5. **Natalino Agius**, ikkonferma r-rapport maghmul minnu fl-20 ta' Gunju, 2014 u li jinsab a fol. 37 tal-process. Dan ir-rapport kien ghal skop sabiex tinhadem il-valutazzjoni tal-*premium* fuq il-vettura proprjeta tar-rikorrenti. Huwa qal li r-rikorrenti kien qallu li riedu jaghtuh madwar €1,500 ghal hsarat li kienet garbet il-vettura tieghu. Qal li huwa kien informa lir-rikorrenti li huwa kien jahseb li l-vettura kienet tissewwa b'dan l-ammont pero qallu ukoll sabiex jiehu parir minghand terzi dwar dan u fil-fatt huwa kien irrakomandah ghand tlett garaxxijiet rinomati ghat-tiswijiet. Qal li wiehed mill-persuni indikati minnu fid-dokument minnu rilaxxat a fol. 38 tal-process, u cioe Paul Abela, kien qal li huwa kien lest li jaghmel ix-xogholijiet mehtiega bil-prezzta' €1,500. Kompla jghid li r-rikorrenti pero, nsista sabiex huwa jsewwi l-hsarat ghand it-tellar tieghu li kien tah stima ta' €2,600. Qal ukoll li "*bhala affarijiet sabiex tkun tista tissewwa din il-vettura l-parts ikunu jew second hand jew inkella dak li nghidu after market u dan peress li l-vettura kienet ilha zmien manifatturata*" (fol. 47). Ix-xhud qal li huwa ezamina l-vettura minn barra biss u ma ezaminahiex minn gewwa cioe fejn ma jidhirx. Muri d-dokumenti esebiti a fol. 7 u 8 tal-process, x-xhud qal li l-oggetti indikati huma kollha oggetti esterni u ghalhekk, ma jidhirx minn dawn iz-zewg dokumenti li kien hemm xi spejjez li kellhom isiru ta' affarijiet li ma jidhrux.

   In kontro-ezami huwa qal li huwa kien jaf li Paul Abela kien lest li jsewwi l-hsarat bl-ammont ta' €1,500 l-ghaliex kien kellmu. Qal li huwa gie nfurmat li r-rikorrenti "*ried illi l-part mhux tissewwa jew tittranga izda tinbidel*" (fol. 48). Ghar-rigward tal-*bumper*, huwa kien gie nfurmat minn Paul Abela li kien ser isib wiehed *second hand* u li dan kien parti mit-tiswijiet li kellhom isiru bil-prezz ta' €1,500.

6. **George Casha** qal li huwa *panel beater* approvat mis-socjeta intimata u mill-Malta Standards Authority. Huwa kkonferma l-lista ta' oggetti indikati fuq id-dokument li jinsab esebit a fol. 6 tal-process u li l-ispiza sabiex il-

vettura proprjeta tar-rikorrenti tissewwa kienu jitilghu ghal ammont ta' €2,728.

In kontro-ezami huwa qal li bil-kliem *approximate costs* huwa kien qieghed jirreferi ghal *parts* l-ghaliex la ma jkunx xtrahom huwa ma jkunx jista jaghti ammont ezatt. Il-*parts* kienu tat-tip *second hand*. Xoghol ta' idejh kien hemm €1,630 filwaqt li ghal xoghol ta' *spray* kien hemm l-ammont ta' €698.

7. **Dr. Nadine Attard**, avukat mas-socjeta ntimata qalet li din kienet inkarigat lil Natalino Agius, bhala *surveyor* sabiex jispezzjona l-vettura tar-rikorrenti. Skont ma rrizulta mill-imsemmi *survey* il-hsarat kienu jammontaw ghal €1,400. Ziedet tghid li meta r-rikorrenti kien mar ghand it-tellar tieghu, li skont il-polza ta' l-assikurazzjoni setgha jaghmel hekk, dan tah stima ta' €2,728. Wara diversi telefonati u korrispondenza, s-socjeta ntimata accettat li thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €2,000 bhala *cash settlement*. Dan il-*cash settlement*, kompliet tghid Dr. Attard, isir "*meta l-vettura tkun ikkunsidrata bhala wreck pero ma huwiex il-kas*" (fol. 54). Id-differenza bejn il-*cash settlement* li ghamlu u l-ammont indikat mis-*surveyor* taghhom sar sabiex "*naqdu lil klijent taghna stess*" (fol. 54). Qalet li r-rikorrenti kien ser imur ferm ahjar milli suppost u dan fis-sens li l-vettura setat tittranga b'ammont ferm inqas minn dak li kien gie offrut minnhom. Konsegwentement, is-socjeta intimata ma setatx toffri aktar mill-ammont ta' €2,000.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Ir-rikorrenti fit-talba tieghu qieghed jitlob lis-socjeta intimata sabiex tonora l-kuntratt taghha mieghu u thallsu l-ammont ta' €2,728 sabiex ikun jista jirranga l-van tieghu. Dan l-ammont huwa bbazzat fuq stima maghmula minn George Casha, tellar approvat mis-socjeta intimata. Din l-istima tinsab esebita a fol. 6 tal-process u tikkonsisti fis-segwenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| (i) | Labour Cost | - | €1630; |
| (ii) | Spray Cost | - | €698; |

(iii) Silencer, Seat,
Tail Lamps, Tail Gate
Finisher, Rear Bumper
Brackets - €400 cirka

9. Skont stima maghmula minn Natalino Agius fl-20 ta' Gunju, 2014 il-vettura proprjeta tar-rikorrenti giet stmata fl-ammont ta' €3,500. Il-polza fil-fatt harget fuq dan l-ammont (ara fol. 34).

10. Mid-dokument maghmul minn Charles Cauchiipprezentat fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2015 (dok. CC 1 a fol. 44) insibu li l-vann proprjeta tar-rikorrenti gie dikjarat bhala *beyond economical repair* u wara li gie dikjarat li "*after having seen that this van has a survey report of euro 2500, based on the fact that it has been recently refurbished, and that it is a 8 seater, the book value is a bit out of line, I would consider to give the client a cash settle of apx euro 1300 to 1400 and keeps van*" (fol. 44). F'dan id-dokument ma hemmx indikat il-valur tax-xoghol u tal-ispray, kif hemm indikat fir-rapport ta' George Casha proprju l-ghaliex is-socjeta intimata dejjem kienet qeghda miexja fuq il-presuppost li hija taghtih *cash settlement* ghall-vettura u huwa jkun jista jzomm l-istess vettura.

11. Fir-rigward ta' danni fil-kamp ta' incidenti awtomobilistici insibu s-segwenti principji ribaditi fis-sentenzi tal-Qrati taghna:

(i) L-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara (Ara **Tufigno vs Micallef noe**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' April 1965).

(ii) Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni kollha li sofra u li jerga' jitqieghed ragjonavolment fl-istat li kien qabel l-incident. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (ara f'dan ir-rigward **Galea pro et noe vs Gatt et** deciza mill-

Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru 1958; **Zammit vs Calleja** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 1977; **Sant vs Borg** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 1979 u ohrajn aktar ricenti fosthom **Zammit et vs Middlesea Insurance plc** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Marzu 2010).

(iii) Ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola ohra li bhala bilanc torbot lid-danneggjat sabiex jiehu l-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab u jekk jirrizulta li ma jkunx adotta dawk il-mizuri, dak in-nuqqas tad-danneggjat ghandu jirrisolvi ruhu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll principju tad-dritt li jekk id-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u li jiehu l-mizuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun garrab, daqstant iehor mhuwiex obbligat li jitghabba b'pizijiet biex jirreduci l-hsara - "Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwestjoni ta' fatt li ghandha tigi konsidrata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut" (Ara **Aquilina vs Schembri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Jannar, 1969; **Xuereb vs Livick et**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 1956; **Anthony Richard Calleja noe vs Joseph Mamo pro et noe,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Mejju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII.I.478) u **Antonio Mallia vs Catherine Moore**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru, 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII.I.249).

(iv) Fil-kaz fejn vettura tkun garrbet hsara tali li tkun "*beyond economical repair*" u allura prattikament "*a total loss*", il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-30 ta' April 1990 fil-kawza **Debono noe vs Bugeja** qalet hekk - "*jekk il-karozza tigi konsiderata bhala 'total loss' allura l-attur hu ntitolat jigbor minghand il-konvenut id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra*" (ara wkoll **Farrugia vs Bartolo**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Mejju 1984).

12. Fil-kaz tal-lum, kif anke dikjarat mid-difensur tar-rikorrenti fis-seduta tal-15 ta' April, 2015 "*l-kawza qeghda ssir a bazi ta' inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta intimata fil-konfront tal-assikurat taghha*" (fol. 15). Dan ifisser li r-rikorrenti qieghed jitlob lis-socjeta intimata sabiex thallsu l-ispejjez mehtiega sabiex huwa jirranga l-vettura tieghu u dan skont il-polza ta' l-assikurazzjoni li huwa ghandu maghha.

13. Skont id-dokumentazzjoni li tirrizulta mill-process odjern, insibu li r-rikorrenti kien gab stima tal-vettura ghall-finijiet ta' valutar sabiex ikun jista jigi stabbilit il-*premium* li kellhu jhallas halli l-vettura tieghu tkun assikurata. Dan il-valur kien ta' €3,500 (fol. 37). Charles Cauchi li kien gie inkarigat mis-socjeta intimata sabiex jaghmel stima tal-hsarat sofferti mill-vettura tar-rikorrenti ghamel stima ta' €2,500. Fir-rejalta, dan Cauchi jghid "*After having seen that this van has a survey report of euro 2500*". Dan is-survey report li ra dan Cauchi baqa qatt ma gie esebit mis-socjeta intimata. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jimxi fuq il-valur maghmul minn Natalino Agius li wara kollox xehed quddiem it-Tribunal u kkonferma din l-istima bil-gurament tieghu.

14. Jidher ukoll li l-vettura in kwistjoni hija *beyond economical repair* u dan anke l-ghaliex l-ispejjez biex tittranga l-vettura ghal kif kienet qabel ma sehh l-incident huwa ta' madwar 78% tal-valur taghha.

15. Issa fil-kaz tal-lum, jekk r-rikorrenti jinghata s-somma ta' €2,000 li huwa l-ammont li gie offrut mis-socjeta intimata permezz ta' *email* datata 11 ta' Dicembru, 2014 (fol. 39) u huwa jithalla jzomm il-vettura tieghu kif issugerixxa George Cauchi, allura huwa jkun sodisfacentement ikkumpensat ghall-hsarat li kien sofra fl-incident li kien sehh fit-22 ta' Lulju, 2014. Dan peress li l-vettura tal-intimat ghandha valur minnha nfisha u li zgur huwa ta' aktar minn €728 li hija d-differenza bejn l-ammont reklamat minnu ta' €2,728 u €2,000 moghti mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti in parte u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn euro [€2,000] bl-imghaxijiet legali jibdew

jiddekorru fuq dan l-ammont mit-22 ta' Lulju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv. Ovvjament, ir-rikorrenti ghandu jibqa fil-pussess tal-vettura tieghu.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**